MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Numru. 158/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Nicola Schembri.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Nicola Schembri ta' 48 sena mwieled fil-21 ta' Diċembru 1955 iben Nicola u Giovanna nee Agius residenti Linton Naxxar Road Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24256 (M)

Akkużat

Talli fil-21 ta’ Frar 2004 u fl-aħħar ġimgħa ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tal-1939 dwar il-kontoll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta **liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li ma kinitix għall-użu esklussiv tiegħu.**

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta’ Frar 2004, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 242 tal-1956, il-fedina penali tal-imputat (fol 6), il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Lawrence Quintano intitolat ‘Sejba tas-sustanza suspettata eroina fil-21 ta’ Frar 2004 fir-residenza ta’ Nicola Schembri, Birkirkara,’ ir-rapport tal-espert Mario Mifsud a fol 45 , id-dok CA a fol 60, u dok a fol 69, u s-social inquiry report a fol 46.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

5. Jirriżulta mil-istqarrija tal-imputat li l-boroż li allegatament kellhom l-eroina, misjuba għand l-imputat, kienu tiegħu (fol 24). Skond l-imputat kien tahomlu Għarbi biex iżommhomlu u wara kien ser jagħtih ħamsin lria. Lill-Għarbi ma kienx jafu. Huwa nnega li ien qed jittraffika l-eroina. L-imputat ma kien juża ebda tip ta’ droga.

6. PS 1044 Gordon Calleja xehd li kienu elevaw borża b’sustanza kannella ġol-but tal-flokk tal-imputat. (Fol27).

Minn fejn saqajh kienet elevata borża oħra li kellha ammont żgħir ta’ boroż oħra bl-istess sustanza simili għas-sustanza tal-borża li kien hemm fil-but.

7. PC 706 Norman Cremona kien involut fit-tfittxija. Malli qal lill-imputat jgħolli jdejh ‘il fuq, l-imputat waqqa’ borża li ġiet warajh fir-rokna.

8. PC 1473 Simon Deguara, PC 365 Malcolm Grixti u PC 1574 Ronaldo Cremona ikkonfermaw dak li qalu x-xhieda fil-paragrafi 6 u 7. (Fol 32 u 65).

9. L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma r-relazzjoni tiegħu fejn huwa stabilixxa li l-Pulizija kienu elevaw seba’ boroż li kien fihom madwar 3.015 grammi ta’ eroina u li kienu jiżnu bejn 0.105 u 1.676 grammi kull wieħed.

10. PS 198 Arthur Debattista kkonferma r-relazzjoni tiegħu (fol 60 u 69).

11. Mir-rapport tal-Probation Officer Mary Grace Vella jirriżulta li, wara li l-imputat ta l-kunsens tiegħu, hija kienet għamlet kuntatti ma’ diversi entitajiet bħas-Sedqa u l-Caritas. Irriżulta li l-imputat qatt ma kien għamel kuntatt ma’ dawn l-aġenziji. (fol 75).

**Difiża**

12. Għad-difiża xhed in kontro-eżami PS 1044 Gordon Calleja li kkonferma li ftgit sekondi qabel ħarġu huma, ħarġet persuna mill-post, mid-dehra ta’ nazzjonalita’ Għarbija li wara kienet arrestata. (Fol. 106).

13. Xehed ukoll in kontro-eżami PC 451 Aaron Bugeja li qal li keinu niżżli persuna minn ‘hemm’ ta’ nazzjonalita’ Għarbija

**14. Ittella’ jixhed ukoll l-Ispiżjar Mario Mifsud li qal li l-valur tad-droga kien bejn Lm75 u Lm90.**

15. L-AK Neil Harrison in kontro-eżami xehed li ma kienx ħa xi stqarrija lill-persuna li kienu ġabulu. Safejn ftakar l-

AK din il-persuna ma kinitx ammettiet li marret tixtri xi droga minn għand l-imputat. (Fol.129). Id-droga ma kinitx instabet fuq din il-persuna għax dan kien fqu barra waqt li l-imputat kien fuq ġewwa u d-droga nstabet fuq ġewwa. (Fol.129). Fuq l-Għarbi ma kien instab xejn u ma saret ebda ammissjoni.

**Xhieda tal-imputat u kontro-eżami (fol 134 – 139)**

16. Xehed l-imputat fid-19 ta' Ġunju 2009. Huwa qal li kien mar Għarbi u ħallileu borża biex iżommhielu. (fol.134). Kien amr biex jixtr mutur u ma xtara xejn. Imbagħad l-Għarbi mar jiġri għand l-imputat u talab lill-imputat iżommlu borża għaliex il-Pulizija kienu qed jiġru wara l-Għarbi. Wara xi juemjn l-Għarbi rritorna u talbu l-borża . L-Għarbi ħa xi ħaġa minnha u reġa' tahielu. L-imputat allega li l-Għarbi qallu 'Żommhieli għax ħażin ikun għalik.' L-imputat staqsieh x'kien hemm fil-borża u l-Għarbi qieġeb li kienet droga. Ġimgħa wara l-Għarbi reġa' mar. Dan ma keinx l-istess Għarbi li fuqu xehed l-Assitent Kummissarju. Meta l-Għarbi nforma lill-imputat li l-Għarbi kien sejjer jiġbor il-borża, l-imputat qagħad jistennieh u kienu hawn li daħlu l-Pulizija. **L-imputat qal li mhux l-istess Għarbi ġie.** (Fol 135). L-imputat qal li kein l-Għarbi li ġiegħlu jżomm il-borża. Il-Pulizija l-ewwsel ħatfu lill-Għarbi u imbaħgad bdew jiġru mad-dar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. L-imputat huwa akkużat b'pussess aggravat. Issa m'hemm ebda dubju li d-droga kienet elevata minn fuq l-imputat u li din tannonta għal 3.015 grammi u li hija eroina. Barra dan din hija mqassma f'seba' pakketti.

18. Huwa sinifikanti ħafna li l-imputat mhux bniedem dependenti mid-droga kif jirriżulta mir-rapport imħejji mill-Probation Officer . Għalhekk wieħed bilfors jistaqsi x'kienet qed tagħmel din id-droga għandu?

19. Huwa qal li kien qed iżommha għal xi Għarbi. Ukoll jekk wieħed jaċċetta dak li qal l-imputat, meta wieħed iżomm id-droga għal ħadd ieħor biex imbagħad jagħtiha

lill-istess persuna dana jkun qed jissupplixxi. (Ara: Appell Kriminali Il-Pulizija versus Mohammed Trabelsi per L-Imħallef Carm Lino Agius 1993).

20. Iżda l-imputat fl-istqarrija qal li l-Għarbi l-għada kien ser jagħtih Lm50 waqt li din id-droga kienet tiswa bejn Lm75 u Lm90 (skond risposta mogħtija mill-Ispiżjar Mario Mifsud fuq insistenza tad-Difiża).

21. L-imputat diġa’ kien qed iżomm kwantita’ ta’ eroina għall-korrispettiv ta’ Lm50.

22. Fl-ammont u fit-tqassim tagħha, l-eroina tidher li kienet intiża għall-ispaċċjar. Il-biżżejjed biex turi li l-imputat kellha l-intenzjoni li jispaċċja. (Il-Pulizija versus Carmel Spiteri). Hawnhekk, flok ċirkostanza waħda, għandna tlieta: ammont; tqassim u imputat li m’għandux . U assolutament minn imkien ma jirrżulta – la mil-Liġi sostantiva u lanqas minn dik proċedurali – li wieħed irid provi oħra bħal xi miżien, pitazz bl-ismijiet jew xi prova oħra – biex ikun soddisfatt il-kap tal-pussess aggravat. **L-importanti hu li jkun hemm għall-anqas prova waħda li ma tħalli ebda dubju raġonevoli f’moħħ il-ġudikant. U li ma jkunx hemm xi prova li xxejjinha.**

23. Frankament ukoll il-Qorti ma temminx lill-imputat meta qal li kien qed iżommha biss għall-Għarbi li talli jżommhielu lejl wieħed, dan kien ser jagħtih Lm50. Din l-asserzjoni ma titwemminx meta wieħed iqis ukoll li l-valur tad-droga ma kienx wisq aktar minn Lm50. Irid ikun altru xi ħadd inġenwu biex iħallas daqshekk għali.

24. Il-Qorti bl-ebda mod ma temmen li l-imputat kien qed jibża’ u r-referenza li l-imputat għandu t-tfal jaħdmu fil-ħanut m’hi konvinċenti xejn. L-imputat huwa bniedem imdorri fil-kummerċ u konsegwentement xi naqra qoxra rabba. Għalhekk ma jsitax jitwemmen li beża’ mill-Għarbi.

25. Id-difiżam’għandha ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni missha tellgħet lill-Għarbi l-ieħor. L-ewwelnett, minn kif kien xehed l-imputat, jidher li qed kien hemm żewġ Għarab u mhux wieħed. It-tieni, l-Prosekuzzjoni spjegat li

ma kienu ttieħedu ebda passi kontra l-Għarbi li sabu fil-fond meta l-Pulizija marret tagħmel it-tfittxija. It-tielet, ma żamm xejn lid-difiża li ttella' lil dan l-Għarbi in difeża jekk dehrilha li seta' jgħin it-teżi tagħha. Ir-raba' l-imputat qal li ma kienx jafu lil dan l-Għarbi (ara l-istqarrija) u ġie għandu u ħallielu d-droga. Din hija stramba sew kif bniedem li ma jafekx u li hu mwerwer mill-Pulizija jmur għand l-imputat u jordnalu jżommlu d-droga. Fl-istess ħin lill-imputat iwegħdu l-flus.

26. Meta l-Qorti qieset dan kollu, ma kelha ebda dubju li l-eroina kienet għand l-imputat biex jispaċċjaha.

## Konklużjoni

27. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

28. Dwar il-piena, il-Qorti rat li l-imputat ma kellu ebda każ il-Qorti mill-1991 meta kellu każ tat-traffiku. Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €468 liema multa tista' titħallas b'rata ta' tmenin ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħalalsx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

29. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex l-esperti tqabbdu kollha waqt inkjesta li saret qabel is-sittax ta' Jannar 2006.

30. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------